**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-10 ta' Novembru 2016

Talba Numru: 345/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 28

**DHL International Limited (C6576)**
**Cargo Village,**
**Malta International**
**Luqa**

**vs**

**Agius & Agius Ltd (C1205)**
**878, St Joseph High Street,**
**Hamrun**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet il-hlas minghand is-Socjeta' konvenuta tas-somma ta' elfejn, tlett mija u tlett ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,303.27c)

rappreżentanti ħlas dovut għal servizz ta' carriers provdut mis-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-seduta, is-Soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-Soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Soċjeta` konvenuta tħallas lis-Soċjeta′ attriċi is-somma ta' elfejn, tlett mija u tlett ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,303.27c) u bl-imghax legali  sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tas-Soċjeta` konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**